**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. ELAINE RIZZO B.A., LL.D.**

**Illum, 31 t' Ottubru 2024**

Każ Nru: 124/06

**IL-PULIZIJA**

(Spettur Norbert Ciappara)

**kontra**

**MELVIN MUSCAT**

(Detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 165286(M))

**IL-QORTI:**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' **Melvin Muscat,** ta' tmintax-il sena, iben Moses u Dolores nee' Cuschieri, imwieled il-Pieta' nhar l-4 t'April 1986, residenti ġewwa numru 26, Is-Salvatur, Triq l-20 ta' Jannar, Ħal-Qormi u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 165286(M) akkużat talli:

1. f'dawn il-Gżejjer fl-20 ta' Marzu 2004 u fid-9 ta' Frar tal-istess sena, ikkonsenja mediċina ristretta u psikotropika (ecstasy), lil xi persuna oħra li ma kienx spiżjar diliġenti jew ma kienx xorta oħra awtorizzat il-mod xieraq biex ikollu fil-pussess tiegħu dik il-mediċina bi ksur tar-regolament 10(2) tal-Avviz Legali 22 tal-1985 kif sussegwentement emendat u 40A u

120° u t-Tielet Skeda tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, Kap. 31 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Att V tal-1985, kif emendat;

2. talli fl-istess dati, ħin, lok u ċirkostanzi kellu fil-pussess tiegħu mediċina ristrettta u psikotropika meta ma kienx awtorizzat kif imiss bi ksur tar-regolament 5(1) tal-Avviz Legali 22 tal-1985 kif sussegwentement emendat u 40A u 120A u t-Tielet Skeda tal-Ordinanza tal-Professjoni Medika u l-professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, Kap. 31 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikolu 16 tal-Att V tal-1985 kif emendat liema droga nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena stabbilita' mil-liġi, tordna lill-imputat sabiex iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Semgħet u rat ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-każ inkluż id-dokumenti esebiti, inkluż l-Ordni tal-Avukat Ġenerali bis-saħħa tas-sub-artikolu (2) tal-Artikolu 120A tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika w il-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha (Kap. 31 tal-Liġijiet ta' Malta), datat is-7 ta' Marzu 2006, sabiex din il-kawża tinstema' minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali[1];

Rat li fl-udjenza tat-22 t'Ottubru 2018[2], l-imputat ressaq talba sabiex din il-Qorti tassumi l-funzjonijiet ta' Qorti dwar id-Droga, a tenur tal-artikolu 8 tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta, liema talba ġiet milqugħa permezz ta' Digriet datat is-26 ta' Ġunju 2019[3];

Rat in-Nota tal-Bord tar-Rijabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-droga ppreżentata nhar it-28 ta' Jannar 2021 permezz ta' liema l-istess Bord informa lil din il-Qorti li l-każ tal-qua imputat kien magħluq b'suċċess u ġie ppreżentat ukoll ir-rapport imħejji mill-Caritas;

Rat id-Digriet tal-Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri datat 28 ta' Lulju tas-sena 2021 permezz ta' liema l-kawża odjerna ġie assenjata lill-ġudikant sottofirmata;

Rat il-fedina penali aġġornata tal-imputat;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

**IKKUNSIDRAT:**

- **Provi prodotti**

---

[1] Fol. 3 tal-atti proċesswali.
[2] Fol. 90 tal-atti proċesswali.
[3] Fol. 109 tal-atti proċesswali

Illi l-Assistent Kummissarju Neil Harrison[4] spjega bil-ġurament li fil-lejl ta' bejn l-20 u l-21 ta' Marzu 2004 huwa kien ġewwa Paceville, fl-inħawi tal-Axis, meta nnota żewġ ġuvintur fejn dehru li wieħed qed juri xi ħaġa lill-ieħor. Ix-xhud għaraf lill-imputat bħala wieħed minn dawn iż-żewġ ġuvintur. Għaldaqstant huwa iddeċieda li jwaqqafhom. Hekk kif waqqfuhom, deher li l-imputat odjern kien qed iżomm xi ħaġa f'idejh għax għamel ponn. Ix-xhud spjega li huwa pprova jiftaħ idejn Muscat u hekk kif irnexxielu jagħmel hekk waqgħu xi pilloli. Ix-xhud ġabar dak il-ħin stess il-pilloli li waqgħu. Huwa kkonferma li ġabar madwar tnejn u għoxrin pillola suspettati ecstasy. Ix-xhud għamel tfittxija fuq Muscat fejn ġol-but tal-qalżiet sablu disa' pilloli oħra. Kemm l-imputat kif ukoll Remiro Spiteri (li dak iż-żmien kien għad kellu sbatax-il sena) ġew arrestati u meħuda ġewwa l-van tal-pulizija li jkun stazzjonat ġoċ-ċentru ta' Paceville . Reġgħet saret tfittxija wara kwarta fuq il-post fejn kienu waqgħu l-pilloli minn idejn Muscat fejn instabu seba' pilloli oħra u żewġ nofsijiet. Ix-xhud ta' hand-over ta' kollox lil PC279 Kevin Gauci.

Min-naħa tiegħu **PC279 Kevin Gauci**[5] jispjega bil-ġurament li fil-21 ta' Marzu 2004 huwa kien mgħajjat mis-Supretendent Neil Harrison sabiex flimkien ma ex-PC23 jitilgħu Paceville għax kellu xi nies miżmuma taħt il-kustodja tiegħu. Hekk kif wasslu fuq il-post huma ltaqaw mas-Sur Harrison li kellu miegħu lill-qua imputat Muscat u persuna oħra. Is-Sur Harrison għaddielu l-pilloli u tah struzzjonijiet sabiex jinżel bihom ġewwa l-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija flimkien maż-żewġ persuni arrestati.

**L-ispettur Nobert Ciappara**[6] ħa l-pedana tax-xhieda fit-2 ta' Ġunju tas-sena 2008. Bil-ġurament tiegħu huwa spjega li huwa kien ġie infurmat mis-Supretendent Neil Harrison li fil-lejl ta' bejn l-20 u l-21 Marzu tas-sena 2004 kien innota żewġ żagħżagħ, Remiro Spiteri u l-qua imputat Melvin Muscat mexjin lejn il-parking area viċin l-Axis. Kif huwa mar fuqhom wieħed minn dawn iż-żagħżagħ kien telaq xi pilloli mal-art u meta wara saret tfittxija fuq il-persuna tiegħu kienu instabu xi pilloli oħra bħal dawk li kienu waqgħu fl-art. In segwietu għal din l-informazzjoni l-ispettur Norbert Ciappara kien kellem kemm lil Remiro Spiteri (li nnega li huwa kellu x'jaqsam ma dawn il-pilloli) u lill-qua imputat Melvin Muscat li kien ammetta li kien xtara ħamsin pillola bit-LM3 kull waħda bil-għan li jbiegħhom. Huwa esebixxa il-pilloli elevati (Dok. NC2) u l-istqarrija rrillaxata lilu mill-imputat bħala Dok. NC1[7]. PC599 Clive Mangion xehed dwar

[4] Fol. 24 tal-proċess.
[5] Fol. 30 tal-proċess.
[6] Fol. 7 tal-proċess.
[7] Fol. 9 tal-proċess.

il-volontarjeta' tal-istqarrija u t-twissijiet li ingħata l-imputat qabel it-teħid tal-istqarrija[8].

**PC678 Bernard Bunce**[9] xehed bil-ġurament li nhar il-21 ta' Marzu 2004 għall-ħabta tal-erbgħa ta' filgħodu huwa kien xogħol ġewwa Paceville u hekk kif kien sejjer ġewwa l-istabilliment Havana minħabba li dan kellu l-volum għadu għoli is-Supretendent Neil Harrison talbu l-assistenza sabiex jiskorta żewġ persunli lejn il-van tal-pulizija stante li kien għadu kif arrestahom. Bunce spjega li huwa kien akkumpanja lill-qua imputat Muscat. Hekk kif qed jagħmel hekk huwa kien osservah (Bunce lil Muscat) idaħħal idejh ġol-but. Bunce immedjatament saqsieh jekk kellux xi ħaġa fuqu u Muscat infurmah li kien fadallu għaxar pilloli fuqu. Muscat kien għadda dawn il-pilloli lil Bunce li min-naħa tiegħu kien għaddiehom lis-Supratendent Neil Harrison.

**Ix-xjenzat Godwin Sammut[10],** l-espert maħtur mill-Qorti sabiex janalizza s-sustanza (Dok. NC2) esebita mill-ispettur Norbert Ciappara, ikkonkluda:

> *"Illi fl-estratti meħuda mill-pilloli li ġew analizzati (32 il-pillola) li hemm fid-dokument 306_08_01 instabet is-sustanza 3,4-Methylenedioxymethamphetamine (MDMA). In-numru total ta' pilloli kien ta' 40. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-liġi taħt it-Tielet Skeda Parti A tal-Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta."*[11]

Xehed bil-ġurament **Ramiro Spiteri**[12] wara li l-prosekuzzjoni ddikjarat li ma kinitx ser tieħu proċeduri fil-konfront tiegħu anke fid-dawl tat-trapass ta' żmien minn meta seħħ l-allegat reat. Spiteri spjega bil-ġurament li dak li jiftakar dwar il-każ huwa li kien iltaqa mal-ħabib tiegħu Melvin Muscat (li għarfu fl-awla) ġewwa Paceville u kien safa arrestat flimkien mal-istess Muscat. Huwa jispjega li l-pulizija ma kienu sabu xejn fil-pussess tiegħu. Jispjega ukoll li kien għamel madwar tnax-il siegħa arrestat, kienet ittieħditlu stqarrija u wara ġie rrillaxat. Jgħid li huwa ma jiftakarx jekk il-pulizija kienux sabu xi ħaġa fil-pussess ta' Muscat. Lanqas ma jiftakar jekk lil Muscatt kinitx saritlu tfittxija. Spiteri jiddikjara li ma jiftakarx fuq xiex kien ġie arrestat. Jgħid ukoll li fl-istqarrija huwa kien spjega lill-pulizija li huwa ma kellux x'jaqsam mad-droga. Jiddikjara bil-ġurament li huwa qatt ma xtara jew ikkonsma l-ebda droga mingħand jew mal-qua imputat.

---

8 Fol. 21 tal-proċess.
9 Fol. 11 tal-proċess.
10 Fol. 17 tal-proċess
11 Dok. GS, fol. 20 tal-proċess.
12 Fol. 49 tal-proċess.

- **Kwistjonijiet preliminari**

In linea preliminari, fid-dawl tal-każistika riċenti tal-Qrati kemm Kostituzzjonali kif ukoll Kriminali, ser tiddetermina l-piż li hija ser tagħti l-istqarrija rrillaxata mill-imputat nhar il-21 ta' Marzu 2004 lill-ispettur Norbert Ciappara fil-prezenza ta' PC599 Clive J. Mangion. Jibda biex jingħad li ma hemm l-ebda allegazzjoni li din l-istqarrija ma ttieħditx b'mod volontarju u permezz tal-verbal tal-udjenza tat-3 ta' Mejju 2023, l-avukat difensur, talab lil din il-Qorti sabiex fil-kunsiderazzjonijiet tagħha tieħu kont tal-kontenut ta' din l-istqarrija u dan minkejja li l-imputat ma kienx ingħata d-dritt tal-assistenza legali waqt l-istqarrija. Illi mill-atti proċesswali jidher li l-qua imputat ma ġiex mgħoti d-dritt għall-assistenza legali fl-ebda forma tiegħu u dan fid-dawl tal-liġi viġenti dak iż-żmien (Marzu 2004). Minn analizi tal-atti processwali ma jirriżultax li kien hemm raġunijiet impellenti l-għaliex l-imputat ma ġiex mgħoti d-dritt għall-assistenza legali waqt l-istqarrija. Jirriżulta ukoll li fiż-żmien tat-teħid ta' din l-istqarrija l-imputat kellu tmintax-il sena u kellu fedina penali netta. Mill-istess stqarrija jirriżulta ukoll li l-imputat għamel diversi dikjarazzjonijiet li jistgħu jitqiesu inkriminanti għalkemm l-istess stqarrija ma hijiex l-unika prova imressqa in sostenn tal-akkużi dedotti fil-konfront tiegħu. Stabbiliti dawn ir-riżultanzi, din il-Qorti qieset l-istess fid-dawl tal-prinċipji stabbiliti fl-insenjament mgħoti fil-kaz **Beuze v il-Belgju** (App. Numru 71409/10) tad-9 ta' Novembru 2018[13], u l-prinċipji stabbiliti f'dawn l-aħħar snin permezz tas-sentenzi mgħotija f'dan ir-rigward mill-Qrati ta' ġurisdizzjoni Kostituzzjonali u anke Kriminali[14]. Il-ġurisprdenza riċenti tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem tagħmilha ċara li l-fatt li persuna suspettata li kkommettiet reat tagħmel stqarrija mingħajr l-assistenza t'avukat ma jwassalx bilfors għal ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu, partikolarment il-jedd għal smigħ xieraq, fil-proċeduri ġudizzjarji ta' natura kriminali li jistgħu jittieħdu kontra dik l-istess persuna. Konsegwentament f'dawn iċ-ċirkostanzi din il-Qorti ser tati piż lid-dikjarazzjoni magħmula mid-difiża tal-imputat waqt il-proċeduri kriminali fil-konfront tiegħu (waqt li huwa kien legalment assistiet) u ser tieħu kont tad-dikjarazzjonijiet magħmula mill-imputat waqt l-istqarrija u dan fid-dawl tal-bqija tal-provi imressqa mill-prosekuzzjoni (ġaladarba hekk kif ingħad iktar 'il fuq l-istqarrija ma kinitx l-unika prova mressqa mill-prosekuzzjoni).

---

[13] Li riċentament issir referenza għalihom fis-sentenza mgħotija mill-QEDB fl-ismijiet Lalik vs. Poland, 11 ta' Mejju 2023

[14] F'dan is-sens issir referenza ghas-segwenti sentenzi (izda mhux biss) Morgan Onourah vs L-Avukat tal-Istat (Qorti Kostituzzjonali), 27 ta' Jannar 2021, Ir-Repubblika ta' Malta vs Kevin Gatt et (Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri), (27 ta' Ottubru 2021), kif ukoll Christopher Bartolo vs L-Avukat ta' l-Istat Qorti Kostituzzjonali, (26 ta' April 2022); Ir-Repubblika ta' Malta vs Andrew Mangion (Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri), (4 ta' Mejju 2022), Emmanuele Spagnol vs Avukat Ġenerali u Kummissarju tal-Pulizija (31 ta' Mejju 2023), Jean Marc Dalli vs Kummissarju tal-Pulizija et (31.5.23).

- **Kunsiderazzjonijiet fil-mertu tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat**

Illi Muscat jinsab akkużat b'żewġ imputazzjonijiet – (i) traffikar tal-pilloli ecstasy u (ii) pussess tal-pilloli ecstasy f'ċirkostanzi tali li jindikaw li dawn ma kinux għall-użu esklussiv tiegħu.

**In kwantu għall-ewwel imputazzjoni ta' traffikar ta' pilloli ecstasy**, jrid neċessarjament jingħad li l-artikolu 120A(1B) tal-Kap. 31 tal-Liġijiet ta' Malta jiddefinixxi 'traffikar' bħala

> (1B) Għall-finijiet ta' dan 1-artikolu l-kelma "jittraffika" (bil-varjazzjonijiet grammatikali u bl-espressjonijiet imnisslin minnha) b'riferenza għal traffikar f'mediċina, tinkludi l-koltivazzjoni, l-importazzjoni f'dawk iċ-ċirkostanzi li l-Qorti tkun sodisfatta li dik l-importazzjoni ma kinietx għall-użu eskluživ tal-ħati, il-manifattura, l-esportazzjoni, id-distribuzzjoni, il-produzzjoni, l-amministrazzjoni, il-provvista, <u>li wieħed joffri li jagħmel xi wieħed minn dawn l-atti</u>, u l-għoti ta' informazzjoni intiża biex twassal għax-xiri ta' tali mediċina bi ksur tad-dispożizzjonijiet ta' din l-Ordinanza (sottolinear ta' din il-Qorti).

Illi minn din id-definizzjoni ta' 'traffikar' jirriżulta ċar li l-leġislatur ma riedx jissanzjona biss l-att li bih droga tiġi mgħoddija lil terza persuna iżda anke l-offerta li tingħada d-droga lil terza persuna.

Issa mix-xhieda tas-supretendent Neil Harrison jirriżulta li huwa nnota lill-imputat juri xi ħaġa li huwa kellu f'idejh lil Ramiro Spiteri waqt li dawn kienu qed jitkellmu. Harrison jispjega ukoll li meta huwa waqqaf lill-imputat huwa setgħa jinnota li Muscat kien qed iżomm xi ħaġa f'idejh billi beda jżomm idejh f'forma ta' ponn. Dan jindika li l-imputat kien qed joffri d-droga ecstasy lil Spiteri.

Fix-xhieda tiegħu Ramiro Spiteri ma jikkonfermax dan. Madanakollu jrid necessarjament jingħad li x-xhieda mgħotija minn Ramiro Spiteri, fil-fehma ta' din il-Qorti ma għandiex mis-sewwa. Dan qed jingħad il-għaliex għal diversi mistoqsijiet huwa wieġeb li ma jiftakarx. Lanqas ma jiftakar dwar xiex kien arrestat. Dan fil-fehma tal-Qorti ma għandux mis-sewwa għaliex huwa impossibli li persuna tinsa ċ-ċirkostanzi rigward l-ewwel arrest tagħha minkejja t-trapass taż-żmien. Tant dan huwa minnu li fix-xhieda tiegħu Spiteri kien kapaċi jikkonferma bl-eżatt l-ammont ta' ħin li huwa kien għamel arrestat – tnax-il siegħa. Ta' min jgħid ukoll li fix-xhieda tiegħu Spiteri jikkonferema li Muscat huwa ħabib tiegħu u kienu trabbew flimkien. Dan ovvjament setgħa influwenza x-xhieda ta' Spiteri sabiex ma jpoġġiex lill-imputat f'dawl ikrah. In oltre jistgħa jagħti l-każ li Spiteri kien ekonomiku bil-verita' sabiex ma jpinġiex lilu nnifsu f'dawl ikrah (u dan

minkejja d-dikjarazzjoni li saret mill-prosekuzzjoni li kinitx ser tieħu passi kriminali fil-konfront tiegħu). Għal dawn ir-raġunijiet din il-Qorti ser tistrieħ fuq ix-xhieda mgħotija mis-supretendent Neil Harrison dwar dak li osserva hu. Hekk kif spjegat iktar 'il fuq skond ix-xhieda tas-sur Harrison jirriżulta pruvat li saret offerta ta' traffikar ta' pilloli ecstasy minn Muscat lil Spiteri.

B'referenza għal din l-imputazzjoni jingħad ukoll li fl-istqarrija rrillaxata mill-imputat lill-pulizija jirriżulta li l-imputat ammetta li kien hemm okkazzjoni preċedenti meta huwa kien biegħ pilloli ecstasty lil terzi.

Madanakollu jinkombi fuq il-prosekuzzjoni li tipprova mhux biss l-elementi tar-reati li bihom tagħżel li takkuża lill-imputat iżda anke ċ-ċirkostanzi ta' data u ħin hekk kif elenkati. Il-parametri ta' data u ħin fl-ewwel akkuża ġew mgħotija bħala: "fil-20 ta' Marzu 2004 u fid-9 ta' Frar ta' l-istess sena".

Ix-xhieda li ddeponew f'din il-kawża ftit li xejn jagħmlu referenza lejn id-data jew il-ħin li fih ġie mwaqqaf l-imputat fil-lejl ta' bejn l-20 u l-21 ta' Marzu 2024. Madanakollu s-Supretendent Neil Harrison jixhed:

> *"Fil-lejl ta' bejn l-20 u l-21 ta' Marzu 2004 jiena u l-mara tiegħi konna Paceville fl-inħawi ta' l-Axis xil-4.00am..."*[15]

Għaldaqstant din il-Qorti għandha tifhem li l-imputat ġie mwaqqaf mis-Sur Harrison f'xi ħin wara l-erbgħa ta' filgħodu tal-21 ta' Marzu 2004. B'hekk dak li s-Sur Harrison osserva dwar l-offerta tat-traffikar tal-pilloli ecstasy, ġie osservat fil-21 ta' Marzu 2004 u mhux fl-20 ta' Marzu 2024 hekk kif ingħad f'din l-akkuża.

Bl-istess mod, fl-istqarrija tiegħu, jingħad is-segwenti:

> *D: Illum stess inti għidtli li din kienet it-tieni darba li xtrajt l-ecstasy biex tbiegħhom, l-ewweel darba meta kienet u kemm xtrajt?*
>
> *R: L-ewwel darba kien id-disa ta' Frar u dakinhar xtrajt 20.*
>
> *D: Fejn biegħthom?*
>
> *R: Kont bieghejthom qabel tlaght il-party tal-Gianpula.*[16]

B'hekk minn dak iddikjarat mill-qua imputat jirriżulta li fid-9 ta' Frar 2004 l-imputat kien xtara l-pilloli u mhux għadddiehom lil terzi. Din il-Qorti hija sprovista minn prova ta'meta dawn il-pilloli għaddew mingħand l-imputat għand terzi. Fil-fatt fl-istqarrija l-imputat qatt ma ġie mistoqsi meta biegħhom dawn il-pilloli. B'hekk għalkemm l-elementi ta' traffikar tal-pilloli ecstasy jirriżultaw

[15] Fol. 24 tal-proċess
[16] Fol. 10 tal-process.

ippruvati hekk kif fuq ingħad ma jirriżultax ippruvat sal-grad rikjest mil-liġi li dak it-traffikar sar fid-9 ta' Frar 2004 hekk kif akkużat mill-prosekuzzjoni. Din il-Qorti hija Qorti tal-provi u ma tista' qatt tassumi li l-imputat biegħ il-pilloli ecstasy fl-istess ġuranta li huwa xtrahom. Konsegwentament l-imputat ser jiġi illiberat mill-ewwel imputazzjoni hekk kif dedotta mill-prosekuzzjoni.

**B'referenza t-tieni imputazzjoni miġjuba fil-konfront tal-imputat u ċioe' dik tal-pussess aggravat tal-pilloli ecstasy.**

Illi mill-provi mressqa jirriżulta li l-imputat instab fil-pussess ta' tnejn u tletin pillola ecstasy. Mix-xhieda tas-supretendent Neil Harrison jirriżulta li meta huwa waqqaf lill-imputat, innota li Muscat kellu jdejh f'forma ta' ponn. Hekk kifipprova jiftaħlu jdejh waqgħalu xi pilloli mal-art li nġabru immedjatament jew ftit wara mill-istess supretendent Neil Harrison. In oltre minn tfittxija li saret fuq il-persuna tal-imputat instabu għaxar pilloli ġewwa l-but tal-qalżiet li kien libes. Mix-xhieda tas-supretendent Neil Harrison jirriżulta li huwa kien osserva lill-qua imputat juri xi ħaga lis-sur Spiteri[17]. Hekk kif ingħad iktar 'il fuq f'din is-sentenza, wara li ġie miżmum l-imputat, is-Sur Harrison innota li l-imputat kellu f'idu pilloli ecstasy. Dan jindika li l-imputat, Melvin Muscat kien fil-pussess xjenti tal-pilloli ecstasy. In oltre l-aġir tal-imputat hekk kif kien qed jiġi arrestat magħdud mal-ammont tal-pilloli misjuba fil-pussess tal-imputat (32 pillola) huwa indikattivi li l-istess pilloli ma kienux intiżi għall-użu esklussiv tal-imputat. Dan kollu huwa kkonfermat b'dak li qal l-imputat fl-istqarrija tiegħu, fejn stqarr li l-pilloli kienu tiegħu u li kienu tiniżi sabiex ibiegħhom lill-ħaddieħor. In oltre fl-istqarrija l-imputat jikkonferma li l-pilloli ecstasy li huwa inqabad bihom kien xtrahom il-ġurnata ta' qabel u ċioe' fl-20 ta' Marzu 2004. Fl-istqarrija tiegħu l-imputat jagħmel referenza għall-okkazzjoni oħra li huwa kien xtara l-pilloli ecstasy bl-intendiment li jittrafika l-istess u din kienet fid-data tad-9 ta' Frar 2004. B'hekk fid-dawl ta' dak suespost din il-Qorti hija tal-fehma li l-prosekuzzjoni rnexxielha tipprova kemm din l-imputazzjoni fil-parametri ta' data, ħin u lok hekk kif dedotti fiċ-ċitazzjoni.

- **Kunsiderazzjonijiet dwar il-Piena:**

In kwantu għall-piena li għandha tiġi erogata din il-Qorti tagħmel is-segwenti kunsiderazzjonijiet:

[17] Huwa minnu li s-Sur Spiteri fix-xhieda tiegħu quddiem din il-Qorti jinnega dan madanakollu jrid jingħad li x-xhieda tas-Sur Spiteri ma għandhiex mis-sewwa tenut kont li għal diversi domandi huwa jwieġeb li ma jiftakarx meta huwa ċar li ċerti fatti ta' kif u dwar xiex kien ġie arrestat l-ewwel darba persuna ma tinsiehomx minkejja t-trapass taż-żmien. Ta' min jgħid ukoll li fix-xhieda tiegħu Spiteri jikkonferma li huwa ħabib ma' Muscat konsegwentament ma riedx jixhed kontrieh u setgħa ukoll kien hemm ukoll il-biża' li jinkrimina ruħu jew li jdiher f'dawl ikrah (minkejja d-dikjarazzjoni magħmula mill-prosekuzzjoni fl-udjenza tal-21/03/2024.

- Iċ-ċirkostanzi u n-natura tar-reati addebitati fil-konfront tal-imputat inkluż in-natura u l-ammont ta' droga mertu tal-kaz odjern;
- Il-fatt li llum stess din il-Qorti ser tippronunzja sentenza oħra fil-konfront tal-imputat Melvin Muscat u dan fid-dawl ta' dak li ġie ddikjarat fis-sentenzi tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet il-Pulizija vs. Joseph Galea[18]; il-Pulizija vs. Godrey Ellul[19] u il-Pulizija vs. Emanuel Infurna[20];
- Il-fatt li din il-Qorti fil-proċeduri odjerni assumiet il-funzjonijiet ta' Qorti dwar id-Droga a tenur tal-artikolu 8 tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta u l-imputat temm b'suċċess il-pjan ta' kura imfassal għalih mill-Bord ta' Rijabilitazzzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-droga;
- Il-fedina penali aġġornata tal-imputat minn fejn jirrizulta li kellu kundanni preċedenti inkluż kundanni relatati mad-droga;
- ix-xhieda tar-reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali a tenur tas-subartikolu 8(6) tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta fejn kkonfermat li Muscat għad għandu pendenti quddiem il-Qrati ta' ġurisdizzjoni kriminali tlett każijiet oħra, b'wieħed minn dawn it-tnejn illum jinsab deċiż bis-sentenza ssir res judicata;
- Mir-relazzjoni ta' Dr. Roberta Holland jirrizulta kjarament li fil-perjodu ta' meta huwa kellu bejn is-sittax-il sena u l-wieħed u għoxrin sena, l-imputat kien jagħmel użu mill-ecstasy tant li mid-djanjosi li saret irriżulta li huwa kellu *Moderate Ecstacy Use Disorder*. Illi llum jidher li l-użu tal-ecstasy waqaf għal kollox[21] u l-imputat għandu ħajja ferm iżjed stabbli. B'hekk jirriżulta li minn meta ġew kommessi r-reati indikati fl-akkużi l-imputat għamel progess sostanzjali billi qata' kompletament l-użu tal-ecstasy.
- L-Uffiċjal tal-Probation Joseph Mizzi[22] li ħejja s-Social Inquiry Report fil-konfront tal-imputat ikkonferma bil-ġurament li llum il-ġurnata l-imputat għandu impjieg stabbli fejn għandu negozju u qed imexxi l-kumpanija tiegħu. Mizzi jispjega li Muscat qed jiffoka fuq il-famila u ż-żewġ it-tfal tiegħu.

F'dawn iċ-ċirkostanzi din il-Qorti hija tal-fehma li minkejja ċ-ċirkostanzi u l-ammont ta' droga suġġetti għal proċeduri odjerni huma gravi tant li normalment jimportaw piena karċerarja effettiva, fid-dawl ta' dak li jistipula l-artikolu 8(7) tal-Kap. 537 għandha tingħata piena alternattiva għal dik ta' priġunerija effettiva

---

[18] Mgħotija fit-3 ta' Novembru 1995
[19] Mgħotija fit-18 ta' Mejju 2011
[20] Mgħotija fil-31 ta' Lulju 2013
[21] Hawnhekk isir referenza għar-rapporti tal-aġenżija Caritas minn fejn jirriżulta li d-diversi kampjuni tal-urina li ttieħdu rriżultaw negattivi għal sustanzi illeċiti.
[22] Fol. 75 tal-proċess.

u dan bil-għan li Melvin Muscat ikompli għaddej bl-istabbilita' f'diversi aspetti prinċipali ta' ħajtu.

**Decide:**

Għal dawn il-mottivi, din il-Qorti, wara li rat l-artikoli 40A, 120, 120A(1)(a), u 120A(2)(b)(i) tal-Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll ir-Regolamenti 4 u 5 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 31.18 tal-Liġijiet ta' Malta, qed tillibera lill-qua imputat Melvin Muscat mill-ewwel imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu filwaqt li qed isibu ħati tat-tieni imputazzjoni hekk kif miġjuba kontrieh. Konsegwentament, qed tikkundanah għal piena ta' sena priġunerija li b'applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali ma għandhiex tibda fis-seħħ sakemm il-ħati ma jikkometiex reat ieħor li għalih hemm il-piena ta' priġunerija fi żmien sentejn mil-lum, u għall-multa ta' elfejn Ewro (Eur. 2,000) li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kodiċi Kriminali, tista' titħallas mill-ħati f'rati mensili u konsekuttivi ta' mitejn ewro (€200) fix-xahar, bl-ewwel pagament isir fi żmien xahar mil-lum, b'dan illi jekk il-ħati jonqos milli jħallas pagament wieħed, il-bilanċ jiġi dovut minnufih u jiġi konvertit fi priġunerija skont il-liġi.

Ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, qed tikkundanna lill-ħati għall-ħlas tal-ispejjeż konnessi mal-ħatra tal-esperti ammontanti għas-somma ta' sebgħa mija u sitta u sebgħin Ewro u sitta u sebgħin ċenteżmu (Eur. 776.76), liema spejjeż għandhom jitħallsu mill-ħati fi żmien sena mil-lum.

Il-Qorti tordna wkoll illi dan ir-reat m'għandux jittieħed in konsiderazzjoni għall-finijiet tal-ħruġ ta' ċertifikat tal-kondotta skont l-Ordinanza dwar iċ-Ċertifikati tal-Kondotta u dan fid-dawl tad-dettami tas-subartikolu 8(8) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta.

Finalment, din il-Qorti qed tordna l-konfiska tal-oġġetti relatati mad-droga kif ukoll id-distruzzjoni tad-droga hekk kif din is-sentenza tgħaddi in ġudikat u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li għandu jirrediġi proċess verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument għandu jiġi nserit fl-atti ta' din il-kawża mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Il-Qorti spjegat lill-ħati bi kliem ċar ir-responsabbilita' tiegħu taħt l-artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali li jekk huwa jikkommetti reat li għalih hemm il-piena ta' priġunerija waqt il-perjodu operattiv tas-sentenza sospiza hawn fuq indikat.

**Elaine Rizzo**

**Maġistrat**

**Christine Farrugia**

**Deputat Reġistratur**